MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 800/2013

**Dingli Co. International Limited**
**bħala mandatriċi tas-soċjetà estera ta'**
**The Performing Right Society Limited ta' Londra, Ingilterra (C-7692)**

**vs.**

**Adrian Bajada**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fid-19 ta' Diċembru 2013, li permezz tiegħu is-soċjeta′ attriċi talbet il-ħlas tas-somma ta' elf u sebgħa u ħamsin Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€1057.48), premess illi:

1. l-intimat għandu jħallas is-somma ta' elf u sebgħa u ħamsin Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€1057.48) kwantu għal €870.50 royalty dovuta bil-quddiem għal perjodu 6 ta' Ottubru, 2004 sal-5 ta' Ottubru 2013, in konnessjoni mal-liċenzja Nru 011618 rilaxxjati mis-soċjetà attriċi a favur tal-konvenut b'liema liċenzji il-konvenut qiegħed jiġu mogħti d-dritt li jxandar lill-pubbliku mużika

tutelata fl-istabbiliment “Mustang American Bistro”, Naxxar u €156.71 Taxxa fuq il-Valur Miżjud ;

2. Is-Soċjetà Attriċi qiegħda titlob ukoll il-ħlas tal-imgħaxijiet kummerċjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-ħlas effettiv, kif ukoll l-ispejjeż tal-Avviż, kompriżi dawk tal-ittra legali tal-15 ta’ Jannar 2005 sa 2013 u l-ittra legali tas-17 ta’ April 2013 kontra l-konvenut li huwa inunt sabiex jidher in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjetà attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tal-attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta’ elf u sebgħa u ħamsin Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€1057.48), bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-iskadenza relattiva sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża huma a kariku tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------